# Tazza ilma frisk
# Adorazzjoni Ewkaristika
# Lulju 2023

## Innu għal waqt l-Espożizzjoni

## Viżta lil Ġesù Ewkaristija

Alla, Alla tiegħi int; lilek ħerqan infittex.
Ruħi bil-għatx għalik,
għalik imxennaq jiena,
bħal art niexfa, maħruqa, bla ilma. (Salm 63, 2)

*Missierna, Sliema, Glorja*

Lejk immidd idejja,
ruħi bħal art bil-għatx tixtieqek.
Fittex weġibni, Mulej!
Ruħi tinsab bla saħħa.
La taħbix wiċċek minni. (Salm 143, 6-7)

*Missierna, Sliema, Glorja*

Ħa jroddu ħajr lill-Mulej għal tjubitu,
għall-għeġubijiet tiegħu mal-bnedmin.
Għaliex hu jxabba' lil min hu bil-għatx,
u jimla bil-ġid lil min hu bil-ġuħ. (Salm 107, 8-9)

*Missierna, Sliema, Glorja*

Xita bil-kotra inti bgħatt, o Alla,
fuq l-art, wirt tiegħek,
u meta kienet bil-għatx inti ħjejtha.
Il-poplu tiegħek għammar fiha,
fi tjubitek, o Alla, għall-fqajjar ħejjejtha. (Salm 68, 10-11)

*Missierna, Sliema, Glorja*

Jinżel bħax-xita fuq ir-raba' maħsud,
bħal ħalba xita li ssaqqi l-art bil-għatx.
Tħaddar f'jiemu l-ġustizzja,
u sliem kotran sa ma jintemm il-qamar.
Isaltan minn baħar sa baħar,
u mix-Xmara sa truf l-art. (Salm 72, 5-7)

*Missierna, Sliema, Glorja*

Skont il-fehma tal-Papa: *Missierna, Sliema, Glorja*

Dan ix-xahar ftaħnieh bil-Kelma ta' Kristu fl-Evanġelju tat-Tlettax-il Ħadd matul is-Sena A: "kull min jagħti mqar tazza ilma frisk lil xi ħadd minn dawn l-iżgħar

għax hu dixxiplu, tassew ngħidilkom li ma jitlifx il-ħlas tiegħu" (Mt 8, 42). U ċertament li f'dawn il-jiem fejn is-sħana bdiet tiqliel ġmielha, nistgħu nifhmu sewwa kemm taħjik u tħossok tieħu r-ruħ biha tazza ilma frisk meta tkun għaddej bix-xogħol minn ħaġa għal oħra, kemm jekk ix-xogħol tal-impjieg tiegħek, u kif ukoll ix-xogħol tad-dar jew fi ħdan il-Knisja. U l-Mulej se jkompli jwennisna l-Ħadd li ġej, l-Erbatax-il Ħadd ta' Matul is-Sena A, meta jgħidilna: "Ejjew għandi, intom ilkoll li tinsabu mħabbtin u mtaqqlin, u jiena nserraħkom" (Mt 11, 28).
Għaldaqstant, filwaqt li qegħdin nilqgħu l-istedina tiegħu biex nersqu lejh għax fih jinsab il-mistrieħ tagħna, ejjew inħallu lill-Mulej ukoll jagħtina tazza ilma frisk permezz ta' dan il-mument ta' talb sabiex itaffi l-għatx ta' qalbna u ruħna, li bħal donnu qatt ma jaf b'xaba', u fl-istess ħin ixennaqna iktar sabiex nibqgħu nfittxu li nixorbu mill-għajn tal-imħabba tiegħu għax. Ejjew nisktu quddiem il-Mulej u nħallu l-menti tagħna jimmaġinaw din l-għajn tal-ħajja tgelgel fil-qalb tagħna waqt li nistħajluna nixorbu minna b'xewqa li ma ndurux iktar lejn għejun oħra għajr dik li tfur mill-imħabba tiegħu għalina.

*(adorazzjoni fis-skiet)*

## Innu Ewkaristiku

**Qari mill-Evanġelju skond San Mattew** (10, 37-42)
F'dak iż-żmien, Ġesù qal lill-appostli tiegħu: "Min iħobb lil missieru jew lil ommu iżjed minni ma jistħoqqlux li jkun miegħi; min iħobb lil ibnu jew lil bintu iżjed minni ma jistħoqqlux li jkun tiegħi. U min ma jerfax salibu u jimxi warajja ma jistħoqqlux li jkun miegħi.
Min isib lil ħajtu, jitlifha; u min jitlef lil ħajtu minħabba fija jsibha. Min jilqa' lilkom jilqa' lili, u min jilqa' lili jkun jilqa' lil dak li bagħatni. Min jilqa' profeta għax hu profeta, ħlas ta' profeta jieħu; u min jilqa' bniedem ġust għax hu ġust, ħlas ta' wieħed ġust jieħu. U kull min jagħti mqar tazza ilma frisk lil xi ħadd minn dawn l-iżgħar għax hu dixxiplu, tassew ngħidilkom li ma jitlifx il-ħlas tiegħu".

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. *Tifħir lilek, Kristu*

Mulej, kemm hu faċli li ngħixu b'mod superfiċjali mingħajr ma nirrikonoxxu li għandna l-għatx—għatx għall-imħabba, għatx għas-sens, għatx ikkawżat minn diversi passjonijiet li nġarrbu fina u li huma parti mill-umanità tagħna. Mhux dejjem faċli naċċettaw li hemm nuqqas, li m'aħniex kompluti, li kontinwament infittxu dik il-ħaġa li se taqtagħli l-għatx, dak li se jagħmilna kuntenti għal kollox. U dan il-ħin ta' talb u adorazzjoni quddiemek huwa bħal din it-tazza friska li qed

taghtina fil-longa ta' dan is-sajf li kulma jmur dejjem qed jiqliel; tazza ilma li ssaqqi l-art bil-għatx tal-eżistenza tagħna.
Nafu, Mulej, li inti wkoll ġarrabtu dan l-għatx bħala bniedem. Imma qisu b'xi mod kellek dejjem tibqa' bil-għatx għall-imħabba tagħna. Niftakru kif il-mara Samaritana li qgħadt tistennieha fuq il-bir ta' Ġakobb, meta fehmet li fik sabet tassew l-għajn waħdanija li qatt ma tista' tispiċċa, ħalliet il-ġarra warajha u lebbtet lejn ir-raħal sabiex taqsam magħhom it-tama u l-maħfra li nibbitt fiha, minkejja li inti xorta bqajt ma xrobtx, bħal donnok xbajt bir-risposta ta' mħabba ta' din il-mara midinba.
Niftakru kif, fuq is-salib, meta tnehidt, "Għandi l-għatx!" (Ġw 19, 28), u krobt għal xi ħaġa li ttaffilek l-għatx jew imqar ixxappaplek ftit xuftejk maqsuma, il-bniedem—kemm ta' dak iż-żmien u kif ukoll tal-lum—ma kellu xejn x'joffrilek ħlief ħall, inbid qares, li forsi seta' jistordik u jtaffi ftit mill-uġigħ, imma żgur ma setax jaqta' l-għatx infinit tiegħek għall-imħabba. Żgur li ma setax jaqta' l-għatx ta' Missierek li kien lest li jerħik f'idejna bit-tama li dan l-ilma li jfawwar minn qalbek fina jsir  "għajn tal-ilma li jwassal sal-ħajja ta' dejjem" (Ġw 4, 14).
Mhijiex din l-istess offerta u wegħda li għamel il-Missier permezz tal-Profeta Isaija: "Intom li bikom l-għatx, ejjew għall-ilma; intom ukoll li m'għandkomx flus. Ejjew, ixtru u kulu b'xejn, inbid u ħalib bla ħlas" (Is 55, 1)? Mhux ta' b'xejn li San Girgor Nazjanzenu jikteb "Sitit sitiri"—Alla bil-għatx li nkunu bil-għatx għalih (Oratio XL, *In sanctum baptisma*, par. 27, PG 36.397).
Mulej, kif ninsabu quddiemek, ilqa', nitolbuk, l-għatx tagħna. Saffih. Agħmilna bil-għatx għal dak li tassew aħna profondament bil-għatx għalih—inti, bil-għatx għalik—u li dan l-għatx tagħna jista' jtaffi mingħajr ma qatt nixbgħu nixorbu minn din l-għajn li tnixxi minn qalbek minfuda fuq is-Salib.

## Innu Ewkaristiku

Fl-aħħar jum tal-festa tal-Għerejjex, il-jum l-aktar solenni, bħas-soltu inti qomt u, b'leħen għoli, għedt: "Min jieħdu l-għatx, jiġi għandi u jixrob. Kif tgħid l-Iskrittura, min jemmen fija, minnu joħorġu xmajjar ta' ilma ħaj" (Ġw 7, 37-38). U għalhekk, dan il-ħin ta' talb, bħal kull laqgħa miegħek fl-Ewkaristija u fit-tħabbira ta' Kelmtek, iridu jkunu s-sors minn fejn tibda l-għajn li jeħtieġ tnixxi mill-qalb tagħna fuq oħrajn li tinqeda bina sabiex tiġbidhom lejk.
Imma, quddiem din ir-responsabbiltà, ma nistax ma nistaqsix: X'inhu l-ilma li qegħdin noffru? Jaqta' l-għatx l-ilma tagħna għax huwa l-ilma tiegħek? Iqanqal iktar għatx għax jagħti l-ħajja? Jew huwa ilma mielaħ minn xi bur salmastru tal-imrar li stagħdar fil-qiegħ ta' qalbna? Jew huwa ilma mielaħ mill-baħar bħal meta nibilgħu l-ilma meta nkunu se negħrqu? Jew, agħar, huwa ilma marradi għax stagħdar u qagħad, għajn li ma baqgħetx imqabbda miegħek u allura qed tixxotta?

*(riflessjoni fis-skiet)*

Minkejja d-dgħufija, in-nuqqas ta' ħila u l-biżgħat tagħna li jżommuna lura, aħna wkoll nixtiequ nkunu minn dawk li joffri lil kull min niltaqgħu miegħu tazza ilma friska mimlija mill-għajn dejjem tnixxi tal-qalb minfuda tiegħek. Għax, tassew, meta nemmnu fik, inti ttaffi mhux biss l-għatx tagħna imma wkoll l-għatx ta' ħafna oħrajn permezz tax-xmara tal-ilma tal-Ħajja, li hu int, li tista' tfur minn qalbna wkoll (ara Ġw 7, 37-38). Għalhekk, filwaqt li rressqu quddiemek l-għatx tal-umanità, nitolbuk tisma' dan it-talb fqajjar tagħna.

- Nitolbuk, Mulej, għal dawk kollha li huma fdati bit-tmexxija tal-erwieħ fil-Knisja sabiex jagħrfu jwasslu l-merħla tiegħek għall-ilmijiet fejn ikun jista' tassew isibek u jistrieħ fik. Nitolbu.
- Nitolbuk għal dawk il-pajjiżi fejn l-ilma hu skars jew m'hemmx sors nadif ta' ilma sabiex dawk responsabbli tassew iħabirku ħalli l-ilma naturali li jżomm ħajja l-ħajja jasal għand kulħadd. Nitolbu.
- Agħmilna tassew bil-għatx għall-ġustizzja sabiex qatt ma nserrħu l-kuxjenza li għamilna biżżejjed, ħalli nibqgħu nħabirku biex nibnu dinja iktar ġusta u umana. Nitolbu.
- Nitolbuk għal dawk li jippruvaw jaqtgħu l-għatx tal-qalb tagħhom permezz ta' affarijiet jew relazzjonijiet li se jagħmlulhom iktar ħsara jew iġibuhom dipendenti u skjavi. Nitolbu.
- Qawwi lil dawk kollha li, kemm fil-Knisja u kif ukoll fis-soċjetà, jassistu u jibnu mill-ġdid lil dawk maħkumin minn vizzji li nqabdu fihom minħabba n-nuqqas ta' mħabba u ferħ fil-ħajja tagħhom u li ttamaw li jġarrbu permezz ta' veleni li jisirqulhom il-ħajja u l-libertà. Nitolbu.
- Kompli sejjaħ minn fostna ħaddiema qawwija fl-għalqa tiegħek, żgħażagħ b'qalbhom tbaqbaq bl-imħabba, li jiddedikaw ħajjithom kollha sabiex juru lill-bniedem tal-lum li l-għatx li hemm fih fl-aħħar mill-aħħar jista' biss jittaffa fil-laqgħa miegħek. Nitolbu.
- Nitolbuk għal ħutna l-mejtin li għadhom bil-għatx għad-dehra ta' wiċċek sabiex ma ddumx ma sseħibhom fl-hena ta' dejjem u tisqihom l-inbid tas-Saltna. Nitolbu.

Għall-merti tal-għatx li int stess ġarrabt fuq is-Salib, kemm fuq livell uman u kif ukoll fuq livell spiritwali, agħtina li ma nieqfu qatt infittxu l-għajn li tnixxi minn qalbek minfuda sabiex ninsqew ħalli qalbna timtela b'dak il-ferħ li ħadd u xejn ma jista' jeħodulna. Inti li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem. Ammen.

**Barka Sagramentali**

behold